

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva”**

(COM(2022) 490 final — 2022/0299 (NLE))

(2023/C 184/12)

Relaturi: **Jason DEGUARA** u **Paul SOETE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 25.11.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	8.3.2023
Adozzjoni fil-plenarja	22.3.2023
Sessjoni plenarja Nru	577
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	143/00/08

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-kontenut tar-Rakkomandazzjoni, speċjalment l-implimentazzjoni ta' kriterji realistiki u suffiċjenti għal-livell ta' adegwatezza u aċċessibbiltà tal-introjtu minimu, il-garanzija legali tiegħu u s-sistema ta' rapportar, ir-rikonoxximent ulterjuri tal-Kummissjoni Ewropea tal-ħtieġa għal politika soċjali attiva u azzjonijiet ulterjuri biex jiġi miġġieled il-faqar fl-UE.

1.2. Hemm bżonn ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għal introjtu minimu adegwat għal kulħadd li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura, ma għandux kriterji restrittivi żżejjed u jitkejjel b'mod preċiż biex tiġi żgurata l-effikaċja tiegħu.

1.3. L-indirizzar tal-faqar u l-inugwaljanzi fl-introjtu huwa importanti mhux biss għal raġunijiet ta' ġustizzja soċjali iżda wkoll biex jiġi appoġġjat it-tkabbir ekonomiku. L-effett stabbilizzanti ġenerali tas-sistemi ta' introjtu minimu għall-ekonomija għandu jiġi nnutat ukoll f'dan il-kuntest.

1.4. Id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji tas-sistemi soċjali tagħhom, il-kompetenzi komplementari tal-UE u tal-Istati Membri u l-użu sħiħ tal-istrumenti tat-Trattat tal-UE għandhom ikunu l-prinċipji gwida ta' kwalunkwe azzjoni tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni soċjali.

1.5. L-impjeggi ta' kwalità u sostenibbli huma l-aħjar mod kif noħorġu mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. Fl-istess ħin, l-iżgurar li jkun hemm aktar nies f'suq tax-xogħol inklużiv u ta' kwalità jgħin biex jiġu ffinanzjati s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jagħmilhom aktar finanzjarjament sostenibbli.

1.6. Bħalissa, f'għadd kbir ta' Stati Membri, l-istabbiliment u l-livell ta' benefiċċji tal-introjtu minimu mhumiex ibbażati fuq metodoloġija robusta jew marbuta ma' indikaturi bbażati fuq l-istatistika li jirriflettu haġja deċenti u dinjituża. L-ewwel pass huwa li jiġi stabbilit dan it-tip ta' metodoloġija u li jitqiesu s-sorsi differenti ta' introjtu u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-unitajiet domestiċi.

1.7. Il-KESE jinsisti li huwa meħtieġ li l-introjtu minimu jinżamm konformi mal-inflazzjoni, speċjalment maż-żieda fl-għoli tal-ħajja f'termini ta' ikel u enerġija, u dan għandu jsir fuq bażi regolari, bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-assistenza soċjali.

1.8. Huwa meħtieġ monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-politiki ta' appoġġ għall-introjtu u politiki oħra ta' protezzjoni soċjali li jiżguraw l-inklużjoni attiva biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Ir-rapporti ta' progress mill-Istati Membri għandhom jiġu abbozzati bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-assistenza soċjali u l-imsieħba soċjali rilevanti, u r-rapporti tagħhom għandhom jiġu indirizzati b'mod regolari mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, kif iddikjarat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

## 2. Introduzzjoni

2.1. Minkejja xi progress miksub fit-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE mill-bidu tas-seklu 'l hawn, fl-2021 aktar minn 95,4 miljun persuna kienu għadhom friskju ta' faqar.

2.2. Hemm żieda fir-riskju tal-faqar għall-persuni li jgħixu ffamilji (kważi) mingħajr impjeg, u hemm deterjorament fil-livell u l-persistenza tal-faqar f'ħafna Stati Membri, u r-riskju huwa ikbar għan-nisa milli għall-irġiel. Il-mira tal-UE hija stabbilita biex tnaqqas l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030.

2.3. Fil-perjodu twil, l-evoluzzjoni demografika se jkollha konsegwenzi ekonomiċi kbar peress li l-forza tax-xogħol se tonqos u popolazzjoni li qed tixxjeh malajr se tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq il-finanzi pubbliċi u l-finanzjament ta' skemi ta' introjtu minimu.

2.4. Il-kuntest attwali għall-qbil politiku tal-Kunsill — bil-gwerra fl-Ukrajna, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u ż-żieda fl-inflazzjoni — huwa saħansitra aktar diffiċli. Il-FMI jistma li l-inflazzjoni fid-dinja se tiżdied bi 8,8 % din is-sena u b'6,5 % fl-2023.

2.5. Il-ġenituri waħedhom jikkostitwixxu inqas minn 15 % tal-familji fl-UE iżda jinsabu friskju ferm ikbar ta' faqar u nuqqas ta' impjeg. Għall-ġenituri waħedhom lanqas impjeg full-time ma jkun salvagwardja kontra r-riskju tal-faqar. Unitajiet domestiċi b'introjtu doppju f'impjeg full-time li normalment ma jkunux friskju ta' faqar madankollu jkunu friskju jekk ikollhom aktar minn żewġ itfal<sup>(1)</sup>.

2.6. Il-benefiċċji tal-introjtu minimu huma benefiċċji minimi marbuta mal-mezzi finanzjarji, mogħtija abbażi tal-ħtiġijiet u intiżi għall-persuni qiegħda li jistgħu jaħdmu, u huma marbuta ma' inċentivi suffiċjenti biex jidħlu (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol. Normalment, il-politiki nazzjonali jirrikjedju valutazzjoni tal-introjtu disponibbli flimkien mal-ittejtjar tal-mezzi personali. L-iskemi ta' introjtu minimu huma inkorporati fil-kuntesti u t-tradizzjonijiet nazzjonali u huma marbuta mas-sistemi usa' ta' protezzjoni soċjali ta' kull Stat Membru.

2.7. Hemm differenzi kbar ħafna bejn l-istati soċjali b'mod ġenerali fir-rigward tal-livell u l-kompożizzjoni tal-introjtu minimu u dan huwa l-każ ukoll fl-UE. Kif indikat mill-istudji tal-Kummissjoni, is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu tvarja b'mod sinifikanti fost l-istati Membri.

2.8. L-ebda pajjiż bħalissa ma jiżgura appoġġ adegwat għall-introjtu għall-familji mingħajr impjeg biex jiġu evitati r-riskji tal-faqar, u 20 % tal-persuni mingħajr impjeg mhumiex eliġibbli li jirċievu xi tip ta' appoġġ. Hemm ukoll problema ta' nuqqas ta' użu tal-introjtu minimu smat għal bejn 30 u 50 %.

2.9. Il-komponenti tal-introjtu li għandhom jiġu kkunsidrati biex jiġi analizzat il-livell tal-introjtu minimu huma l-pagi, il-benefiċċji tal-assistenza soċjali, il-benefiċċji tat-tfal (l-aktar introjtu addizzjonali komuni), il-benefiċċji għall-akkomodazzjoni, l-enerġija u tas-saħħa, benefiċċji oħra bħal benefiċċji *in natura*, li kollha jitkejlu wara t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali.

2.10. Fil-livell Ewropew, l-introjtu minimu kien is-suġġett tal-azzjonijiet u l-istrumenti li ġejjin:

— Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KE u r-Rakkomandazzjoni 2008/867/KE dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol,

— Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Artikolu 14<sup>(2)</sup> u prinċipji oħra bħal dawk dwar "Appoġġ attiv għall-impjegji", "Il-protezzjoni soċjali", "Aċċess għal servizzi essenzjali", "Edukazzjoni, taħriġ u taġħlim tul il-ħajja" u "Opportunitajiet indaqs",

(1) Minn *Minimum income support for families with children in Europe and the US. Where do we stand?* minn Ive Marx, Elize Aerts, Zachary Parolin, Meju 2022 SocArXiv (Appoġġ ta' introjtu minimu għall-familji bit-tfal fl-Ewropa u fl-istati Uniti. X'inhi s-sitwazzjoni llum? [mhux disponibbli bil-Malti]); Children at risk of poverty or social exclusion (Tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali [mhux disponibbli bil-Malti]).

(2) Kull min ma għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji minimi ta' introjtu adegwati li jiżguraw ħajja f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, u għal aċċess effettiv li jippermetti prodotti u servizzi. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, il-benefiċċji ta' introjtu minimu għandhom jitħalltu ma' inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol.

- Is-Semestru Ewropew li joffri qafas għall-monitoraġġ rilevanti tal-attivitàjiet ta' koordinazzjoni tal-politika abbażi tal-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-Kunsill,
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-introjtu minimu matul il-pandemija tal-COVID-19 u lil hinn u l-istadina lill-Istati Membri biex jirrieżaminaw l-iskemi nazzjonali tagħhom ta' introjtu minimu <sup>(3)</sup>.
- Linji gwida dwar l-impjiegi 2022.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-faqar huwa multidimensjonali u jidher fl-oqsma kollha tal-ħajja. Il-faqar jirrifletti l-fallimenti fis-sistemi għar-ridistribuzzjoni b'mod ġust u ekwu tar-riżorsi u l-opportunitajiet. Għalhekk, skema ta' introjtu minimu hija kundizzjoni neċessarja, għalkemm mhux suffiċjenti, biex tippermetti ħajja dinjituża u triq vijabbli biex noħroġu mill-faqar. Il-faqar jingħaqad ma' forom oħra ta' inġustizzja soċjali. L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u daww razzjali jaggravaw ir-riskju tal-faqar, mentri l-faqar iżid ir-riskju tal-esklużjoni u d-diskriminazzjoni, b'mod speċjali f'termini ta' saħħa, edukazzjoni u taħriġ u esponiment għal dipendenza finanzjarja u vjolenza.

3.2. Il-KESE jilqa' l-kontenut tar-Rakkomandazzjoni, speċjalment l-implimentazzjoni ta' kriterji realistiki u suffiċjenti għal-livell u l-aċċessibbiltà tal-introjtu minimu, il-garanzija legali tagħha u s-sistema ta' rapportar, rikonossiment ulterjuri mill-Kummissjoni Ewropea tal-ħtieġa għal politika soċjali attiva fil-livell tal-UE u azzjonijiet ulterjuri biex jiġi miġġieled il-faqar fl-UE. Ir-Rakkomandazzjoni hija pass lejn l-implimentazzjoni tal-Prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jiddikjara li "kull min m'għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji minimi ta' introjtu adegwati li jiżguraw ħajja f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja".

3.3. Wara l-aggressjoni illegali u barbara tar-Russja kontra l-Ukraina, il-kuntest attwali għall-qbil politiku tal-Kunsill huwa saħansitra aktar diffiċli minħabba ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u r-rata għolja ta' inflazzjoni li qegħdin jaffettwaw lill-unitajiet domestiċi, speċjalment lill-familji b'introjtu baxx. Fl-isfond ta' megatendenzi bħall-globalizzazzjoni, it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u t-tibdil demografiku, is-swieq tax-xogħol Ewropej jinsabu fil-proċess ta' tranżizzjonijiet kbar. Is-sistemi ta' introjtu minimu għandhom rwol ewlieni fl-għoti ta' appoġġ u inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) tan-nies fis-suq tax-xogħol.

3.4. Hemm bżonn ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għal kulħadd għal introjtu minimu adegwat li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura, ma għandux kriterji restrittivi żżejjed, huwa bbażat fuq rekwiżiti trasparenti u nondiskriminatorji u jitkejjel b'mod preċiż biex tiġi żgurata l-effettività tiegħu. Soċjetà inklużiva għandha tkopri s-setturi kollha tas-soċjetà u l-Istati Membri għandhom jintroduċu mekkaniżmi ta' monitoraġġ robusti biex jagħtu segwitu għall-introjtu minimu u l-użu tiegħu mingħajr aktar dewmien.

3.5. Skemi effettivi ta' introjtu minimu jistgħu jgħinu biex jigarantixxu li d-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati, jiżguraw li n-nies jgħixu f'dinjità, jgħinuhom jibqgħu attivi u inklużi fis-soċjetà, u jgħinu biex in-nies jiġu integrati f'impjiegi sostenibbli u ta' kwalità. Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza ta' skemi ta' introjtu minimu għall-persuni li jaħdmu għal rashom fl-Ewropa, li għandhom ikunu intitolati bis-sħiħ għall-istess appoġġ u benefiċċji bħal gruppi oħra.

3.6. L-indirizzar tal-faqar u l-inugwaljanzi fl-introjtu huwa importanti mhux biss għal raġunijiet ta' ġustizzja iżda wkoll biex jiġi appoġġjat it-tkabbir ekonomiku. Kif iddikjarat fir-rapport tal-OECD tal-2021 <sup>(4)</sup>, politiki tat-tassazzjoni mfassla tajjeb jistgħu jappoġġjaw it-tkabbir inklużiv u sostenibbli u jindirizzaw id-distribuzzjoni tal-introjtu u l-ġid. F'dan il-kuntest, it-tkabbir inklużiv għandu jkollu l-għan li jaqsam il-benefiċċji tat-tkabbir b'mod ġust, kif ukoll li jippromovi l-inklużività tas-swieq tax-xogħol. L-effett stabbilizzanti ġenerali tas-sistemi ta' introjtu minimu għall-ekonomija għandu jiġi nnutat ukoll f'dan il-kuntest.

3.7. L-iskemi ta' introjtu minimu għandhom ikunu parti mill-istrategġija nazzjonali għall-ġlieda kontra l-faqar li jintegraw b'mod effettiv miżuri biex jinkisbu pagi ġusti u xogħol deċenti, aċċess għal servizzi essenzjali affordabbli u ta' kwalità, aċċess għal sigurtà soċjali bażika u appoġġ adegwat għall-introjtu, servizzi soċjali ċċentrati fuq il-persuna u politiki ta' inklużjoni attiva.

3.8. Il-KESE jenfasizza l-għan ta' metodoloġija fl-Ewropa kollha appoġġjata minn analiżi Ewropea biex tgħin lill-Istati Membri jiddefinixxu l-adeqwatezza tal-introjtu minimu permezz ta' metodu adatt bħall-indikatur maqbul tal-UE tar-riskju ta' faqar ta' 60 % tal-introjtu disponibbli ekwalizzat jew/u bbażat fuq baġit ta' referenza (inkluż l-ikel, l-akkomodazzjoni, l-ilma, l-elettriku, it-tisħin, it-telekomunikazzjonijiet, is-saħħa, it-trasport, id-divertiment u l-kultura).

<sup>(3)</sup> Il-KESE ddiskuta l-introjtu minimu fl-Opinjoni tiegħu: *Lejn Direttiva qafas Ewropea dwar l-introjtu minimu* (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 190, 5.6.2019, p. 1); *Pagi minimi deċenti fl-Ewropa kollha* (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Parlament Ewropew/il-Kunsill) (europa.eu) — para. 1.6, 3.3.7 (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 159); *Introjtu minimu Ewropew u indikaturi tal-faqar* (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (europa.eu) (ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23).

<sup>(4)</sup> OECD (2021): *Tax and fiscal policies after the COVID-19 crisis* (Il-politiki tat-tassazzjoni u fiskali wara l-kriżi tal-COVID-19 — mhux disponibbli bil-Malti).

3.9. Kif iddikjarat fil-premessi tal-qbil politiku tal-Kunsill, l-impjiegi ta' kwalità u sostenibbli huma l-aħjar mod kif wieħed joħroġ mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. Aktar ma jkun hemm persuni fis-suq tax-xogħol, aktar ikun hemm finanzjament sostenibbli disponibbli għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, peress li dawn huma fil-biċċa l-kbira ffinanzjati permezz ta' taxxi fuq l-impjiegi.

3.10. Filwaqt li l-Istati Membri żviluppaw u riformaw ix-xbieki ta' sikurezza soċjali taġġhom matul is-snin, billi qiesu l-gwida pprovduta mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE, l-iżviluppi fl-ekonomija, fis-swieq tax-xogħol u fis-soċjetajiet b'mod ġenerali fl-Ewropa ħolqu sfidi ġodda u ħtieġa urġenti li jiġi aġġornat il-qafas Ewropew biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-introjtu u l-faqar.

3.11. Id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji tas-sistemi soċjali taġġhom, il-kompetenzi komplementari tal-UE u tal-Istati Membri u l-użu sħiħ tal-istrumenti tat-Trattat tal-UE għandhom ikunu l-prinċipji gwida ta' kwalunkwe azzjoni tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni soċjali. Huwa importanti wkoll li jiġu analizzati l-iskemi eżistenti ta' introjtu minimu fir-rigward tal-arranġamenti komprensivi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri. Madankollu, hemm lok għal azzjoni fil-livell tal-UE biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi taġġhom.

3.12. L-indirizzar tal-inugwaljanzi fl-introjtu jirrikjedi riformi determinati, politiki kkoordinati u azzjonijiet immirati tajjeb mill-Istati Membri f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, bħas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, il-mekkaniżmi fl-iffissar tal-pagi, l-inċentivi tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-oportunitajiet indaqs u s-servizzi ta' kwalità b'aċċess għal kulħadd u għall-but ta' kulħadd. Barra minn hekk, prerekwiżit ewlieni għas-sistemi kollha ta' ridistribuzzjoni huwa t-tkabbir sostenibbli bbażat fuq swieq li jiffunzjonaw tajjeb u kumpaniji kompetittivi.

3.13. Il-KESE jaqbel mal-konklużjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni li l-konsulenza dwar l-impjiegi, il-pjani ta' azzjoni individwali u l-integrazzjoni tal-miżuri ta' attivazzjoni fl-introjtu minimu għandhom effett pożittiv fuq il-probabbiltà li wieħed jidħol f'impjeg b'suċċess.

3.14. Il-KESE jenfasizza s-sejba tas-servizzi tal-Kummissjoni li proporzjon kbir tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu mhumiex soġġetti għal miżuri ta' Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol (ALMP), minkejja li jistgħu jkunu kapaċi jaħdmu. Filwaqt li għandu jkun hemm bilanċ ġust b'mod ġenerali bejn l-inċentivi u rabta aktar b'saħħitha mal-kundizzjonijiet biex wieħed jirċievi appoġġ għall-introjtu u miżuri ta' attivazzjoni, għandha tingħata attenzjoni lil gruppi speċjali, bħal żgħażagħ barra mis-suq tax-xogħol jew li huma friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali.

3.15. In-Network Ewropew Kontra l-Faqar (EAPN) identifika l-adegwatezza, l-aċċessibbiltà u l-karattru abilitanti bħala tliet kriterji ewlenin tat-tfassil tal-politika għall-iskemi ta' introjtu minimu:

- B'adegwatezza nifhmu li l-introjtu jkun suffiċjenti għal ħajja dinjituża;
- L-aċċessibbiltà tiffoka fuq l-iżgurar tal-aċċess u l-kopertura komprensiva għall-persuni kollha li jeħtieġu skemi ta' introjtu minimu;
- Il-karattru abilitanti huwa relatat mal-użu ta' parametri ta' tfassil li huma konformi ma' mudell ta' inklużjoni attiva integrat u ċċentrat fuq il-persuna.

3.16. Kif ġie indikat b'mod korrett fil-qbil politiku tal-Kunsill, il-piż amministrattiv sproporzjonat, in-nuqqas ta' għarfien jew il-biża' ta' stigmatizzazzjoni jew diskriminazzjoni jistgħu jwasslu biex dawk eliġibbli għal introjtu minimu ma jitolbux aċċess għalih.

3.17. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, flimkien mal-intrapriżi zġħar u ta' daqs medju b'mod ġenerali, huma importanti, speċjalment bħala impjeg fil-livell tad-dħul fis-suq tax-xogħol. Il-KESE jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Ekonomija Soċjali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-aħjar proġetti fil-livell nazzjonali.

3.18. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil gruppi speċifiċi bħal familji b'ġenitur wieħed, familji migranti, żgħażagħ, persuni b'diżabilità u Rom.

3.19. Ħafna pensjonanti llum jiddependu minn introjtu minimu peress li l-pensjoni tagħhom hija baxxa wisq. Jekk ma jkunux jistgħu jaħdmu, mhuwiex possibbli għal dawn l-anzjani li jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol biex jiksbu introjtu aħjar. Dawn jeħtieġu sistemi tal-pensjoni li jipprovduhom pensjoni adegwata sabiex ma jkollhomx għalfejn jiddependu minn appoġġ għall-introjtu minimu. Peress li x-xejra demografika fl-Istati Membri turi li se jkollna aktar pensjonanti fil-futur, huwa importanti li huma jkollhom sistemi tal-pensjonijiet li jiprovdu pensjonijiet adegwati.

3.20. Il-KESE jipproponi li l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-livelli ta' introjtu minimu mill-inqas fuq bażi annwali u dan għandu jiġi indikat biex titqies l-inflazzjoni, mill-inqas fuq bażi annwali skont il-livell ta' inflazzjoni.

#### 4. Kummenti speċifiċi

##### 4.1. Dwar l-adeqwatezza tal-introjtu minimu

4.1.1. Bħalissa f'għadd kbir ta' Stati Membri, l-istabbiliment u l-livell ta' benefiċċji tal-introjtu minimu mhumiex ibbażati fuq metodoloġija robusta jew marbuta ma' indikaturi bbażati fuq l-istatistika. L-ewwel pass huwa li jiġi stabbilit dan it-tip ta' metodoloġija u li jitqiesu s-sorsi differenti ta' introjtu u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-unitajiet domestiċi.

4.1.2. Fir-rigward tal-livell tal-introjtu minimu, il-KESE jinnota li fir-Rakkomandazzjoni hemm metodi differenti proposti biex jiġi definit dan il-minimu: billi ssir referenza għal-limitu nazzjonali tar-riskju ta' faqar, billi jiġi kkalkulat il-valur monetarju tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa skont id-definizzjonijiet nazzjonali, jew b'referenza għal liġijiet jew prattiki nazzjonali stabbiliti oħra. Dan jimplika wkoll li jistgħu jiġu kkunsidrati sistemi b'baġits ta' referenza. Dawn is-sistemi huma bbażati fuq basket ta' oġġetti u servizzi definit fil-livell nazzjonali li jirrifletti l-għoli tal-ħajja fi Stat Membru partikolari jew saħansitra reġjun u jistgħu jgħinu biex jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adeqwatezza.

4.1.3. Il-KESE jinsisti li huwa meħtieġ li l-introjtu minimu jinżamm konformi mal-inflazzjoni, speċjalment maż-żieda fl-għoli tal-ħajja f'termini ta' ikel u enerġija, u dan għandu jsir fuq bażi regolari. F'dan is-sens, ir-rieżami annwali fil-livell tal-Istati Membri huwa rakkomandazzjoni ċara.

4.1.4. Jeħtieġ li jiġu żviluppati baġits ta' referenza ta' basktijiet ta' oġġetti u servizzi fil-livell tal-Istati Membri b'koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Dan jgħin lill-Istati Membri jiżguraw l-adeqwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu. Il-basket ta' oġġetti u servizzi jrid jinkludi l-akkomodazzjoni, l-ilma, l-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet, l-ikel, is-saħħa, it-trasport, il-kultura u d-divertiment, fost oħrajiet. Mekkaniżmi li jippermettu indiċjar preċiż u rapidu għall-prezzijiet reali huma kruċjali biex tiġi żgurata l-adeqwatezza, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi li għandhom impatt fuq l-għoli tal-ħajja.

4.1.5. Il-benefiċċji tal-introjtu minimu ma għandhomx jintużaw bħala mezz biex jiġu ssussidjati pagi baxxi. Fejn huma previsti soluzzjonijiet addizzjonali għal dawk li jesperjenzaw faqar fost dawk li jaħdmu, dawn għandhom ikunu miżuri temporanji u komplementari. Ir-rikonnoxximent tal-forom multipli ta' xogħol, politika attiva tas-suq tax-xogħol u politika adegwata dwar il-pagi, flimkien ma' sigurtà soċjali u sistemi tat-taxxa ta' appoġġ għandhom jiġu mħeġġa u appoġġjati biex jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u standard tal-għajxien deċenti. Persuni li b'mod permanenti jew kompletament ma jistgħux jiġu impjegati f'kundizzjonijiet deċenti għal ħajja dinjituża għandhom jiġu ggarantiti xbieki ta' sikurezza robusti għat-tul ta' żmien li jkollhom b'żonnhom.

4.1.6. Il-KESE jilqa' d-deċizzjoni li benefiċċji bħall-benefiċċju tad-diżabbiltà mhux se jitqiesu bħala parti mill-ittejtjar tal-mezzi biex jiġi deċiż jekk persuna hijiex intitolata għall-benefiċċju tal-introjtu minimu, peress li dawk il-benefiċċji jkopru spejjeż addizzjonali minħabba ħtiġijiet speċifiċi. Dan juri li qed inkunu sensitivi ħafna għal dawk li verament jeħtieġu l-għajjnuna fis-soċjetà tagħna.

4.1.7. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-familji vulnerabbli u lill-ġenituri waħedhom, fil-biċċa l-kbira nisa peress li għalihom ir-rwol komplementari tal-benefiċċji tat-tfal, u ta' indukrar tat-tfal aċċessibbli u provvedimenti oħra ta' indukrar, huwa essenzjali.

4.1.8. Il-pagi minimi adegwati, stabbiliti bil-liġi jew permezz ta' negozjar kollettiv, jikkostitwixxu strument siewi biex jiġi indirizzat il-faqar. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati se jkollha impatt pożittiv fuq ir-riskju tal-faqar għal parti sinifikanti tal-forza tax-xogħol, ċertament għall-ħaddiema waħedhom f'impjiegi full-time u għall-unitajiet domestiċi b'introjtu doppju. L-imsieħba soċjali għandhom jiġu mħeġġa jimplimentaw dan permezz ta' ftehimiet kollettivi. Ladarba d-Direttiva tiġi implimentata, il-paga minima tista', fejn applikabbli, tintuża wkoll bħala referenza għall-introjtu minimu sakemm l-introjtu minimu jkun jinsab fil-livell tal-faqar.



4.1.9. Il-KESE jemmen li l-iskemi ta' introjtu minimu għandhom jinkludu kemm servizzi fi flus kontanti kif ukoll servizzi *in natura* għal dawk li ma jistgħux jaħdmu jew li għalihom huwa kważi impossibbli li jaħdmu.

4.1.10. Il-benefiċċji relatati max-xogħol jista' jkollhom ukoll rwol importanti biex jattiraw persuni inattivi lejn is-suq tax-xogħol <sup>(5)</sup>.

4.1.11. Il-mira tal-Kunsill Ewropew li jitnaqqas l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali bi 15-il miljun hija stabbilita għall-2030 u jaf tidher li hija limitata fl-ambizzjoni. Iżda din il-mira trid titqies bħala minimu u billi jiġi kkunsidrat li xi pajjiżi bħalissa saħansitra jinsabu f'inqas minn 20 % f'termini ta' adegwatezza u se jkollhom bżonn żmien pjuttost twil biex jilhq u l-miri. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-Rakkomandazzjoni tistabilixxi perjodu għal implimentazzjoni progressiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu. Għall-isfidi l-oħra, bħall-kopertura u l-użu, id-dewmien għandu jkun iqsar.

#### 4.2. Dwar il-kopertura, l-eliġibbiltà u l-użu

4.2.1. Bħalissa, bħala medja, 20 % tal-persuni mingħajr impjieg mhumieq eliġibbli għall-iskemi ta' introjtu minimu. Dan minħabba l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li jikkonċernaw l-età minima, il-perjodu ta' residenza fil-pajjiż, in-nuqqas ta' indirizzi għall-persuni mingħajr dar, kwistjonijiet ta' kompożizzjoni tal-familja, eċċ. Dawn il-lakuni fil-kopertura għandhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri. Hemm ukoll kwistjoni dwar il-kontinwità tal-kopertura matul il-fażijiet differenti tal-ħajja u l-attività. Fi kwalunkwe każ, fl-Istati Membri għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' aċċess trasparenti u nondiskriminatorji.

4.2.2. Ir-responsabbiltà għan-nuqqas ta' użu tidher li hi fil-biċċa l-kbira tal-amministrazzjoni; dan huwa inġust u għandu jiġi indirizzat. Mid-dehra, in-nuqqas ta' użu tal-introjtu minimu jvarja minn 30 sa 50 % fl-Istati Membri. Dan jidher għoli ħafna u din hija stima pjuttost ġenerali. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jiġbru informazzjoni dwar in-nuqqas ta' użu u r-raġunijiet għaliex dan in-numru huwa daqshekk għoli. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-enfasi fil-qbil politiku tal-Kunsill biex jitħeġġeġ l-użu sħiħ tal-introjtu minimu permezz ta' sett ta' miżuri bħat-tnaqis tal-piż amministrattiv, l-iżgurar ta' informazzjoni faċli għall-utent, it-teħid ta' passi biex tiġi miġġielda l-istigmatizzazzjoni u azzjoni proattiva fir-rigward ta' persuni li m'għandhomx riżorsi suffiċjenti.

4.2.3. L-introjtu minimu għandu jggarantixxi b'mod espliċitu l-aċċess għaż-żgħażaġh mill-età ta' 18-il sena u għall-migranti. Peress li l-introjtu minimu huwa benefiċċju nonkontributorju, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi evitat lingwaġġ ambigwu fir-rigward ta' x'għandu jinftehem bħala tul adatt ta' residenza.

4.2.4. Indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi diżaggregati fil-livell tal-UE huma meħtieġa biex ikopru l-kopertura attwali tal-iskemi ta' introjtu minimu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-rati ta' użu u lill-effikaċja tal-iskemi, speċjalment fir-rigward ta' gruppi emarġinati, inklużi r-Rom, ir-refuġjati u l-persuni mingħajr dar.

#### 4.3. Dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol

4.3.1. Is-sistemi ta' introjtu minimu għandhom jifasslu b'miżuri b'saħħithom ta' attivazzjoni għal persuni li jkunu kapaċi jaħdmu permezz ta' politiki għal prijoritajiet ta' kura temporanja. Fi kwalunkwe każ, l-introjtu mix-xogħol m'għandux inaqas b'mod sproporzjonat il-benefiċċji soċjali, sabiex tiġi evitata nassa tal-inċentivi.

4.3.2. Il-parteċipazzjoni fil-programmi ta' ħidma pubblika u l-opportunitajiet fis-settur tal-ekonomija soċjali għandhom jiġu żviluppati bis-sħiħ speċjalment għall-gruppi l-aktar vulnerabbli.

4.3.3. Għal dawk li ilhom qiegħda u l-persuni inattivi li jstgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, l-appoġġ immirat huwa ta' importanza partikolari. Il-benefiċċji relatati max-xogħol flimkien ma' miżuri strutturali li jiffaċilitaw l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli jstgħu jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol, iżda dawn għandhom ikunu temporanji.

4.3.4. Il-parteċipazzjoni fi programmi ta' attivazzjoni teħtieġ id-disponibbiltà ta' miżuri adegwati bħall-programmi ta' edukazzjoni, taħriġ u programmi ta' tagħlim tul il-ħajja, akkumpanjati minn servizzi ta' appoġġ bħal konsulenza, ikkowċjar jew assistenza fit-tiftix ta' impjieg. L-iżvilupp ta' miżuri effettivi jeħtieġ impenn qawwi mill-Istati Membri f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-imsieħba soċjali. L-amministrazzjoni u l-persunal tagħha għandhom ikunu kkwalifikati għall-kompitu diffiċli tagħhom u jużaw l-għarfien espert u xjentifiku. Il-kwalifiki individwali, il-potenzjal, il-ħiliet u l-pjani ta' karriera tal-persuni qiegħda għandhom jitqiesu b'mod sistematiku.

<sup>(5)</sup> Ir-rwol li l-benefiċċji relatati max-xogħol jaqdu fis-suq tax-xogħol huwa enfasizzat fil-punt 3.4.3 tal-Opinjoni SOC/737 dwar "Linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri" (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 161).

#### 4.4. *Dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali*

4.4.1. Ir-Rakkomandazzjoni tikkonferma l-hteġa li jiġi garantit aċċess effettiv għal servizzi essenzjali ta' kwalità u affordabbli (ilma, sanità, enerġija, trasport, servizzi finanzjarji u komunikazzjonijiet diġitali) kif elenkati fil-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Id-diġitalizzazzjoni għandha titqies bħala determinant soċjali għid għall-aċċess għal servizzi essenzjali u għandhom jittieħdu azzjonijiet biex jingħeleb id-distakk diġitali.

#### 4.5. *Dwar il-governanza*

4.5.1. Il-KESE jenfasizza l-hteġa li l-governanza tax-xbieki ta' sikurezza soċjali fil-livelli kollha ssir aktar effettiva. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-koordinazzjoni b'saħħitha tal-partijiet interessati differenti, kemm orizzontalment kif ukoll vertikament. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet interessati għandhom jiġu definiti b'mod ċar filwaqt li jiġu evitati l-effetti ta' kompartmentalizzazzjoni.

4.5.2. L-implimentazzjoni ta' skemi ta' introjtu minimu għandha tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (b'mod partikolari dawk li jaħdmu mal-persuni li jesperjenzaw il-faqar), lill-fornituri tas-servizzi soċjali u lill-imsieħba soċjali fl-Istati Membri kollha. Il-partijiet interessati għandhom jiġu kkonsultati bħala parti mill-iżvilupp ta' sistemi kontinwi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

#### 4.6. *Dwar il-monitoraġġ*

4.6.1. Kif indikat fil-qbil politiku tal-Kunsill, biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din ir-rakkomandazzjoni bl-aktar mod effiċjenti, hemm bżonn ta' monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-politiki ta' appoġġ għall-introjtu u tal-miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol relatati kif ukoll tal-aċċess għas-servizzi, appoġġjat minn evalwazzjonijiet regolari. Ir-rapporti ta' progress mill-Istati Membri għandhom jiġu abbozzati bil-parteċipazzjoni sinifikanti tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-assistenza soċjali u l-imsieħba soċjali rilevanti, u r-rapporti tagħhom għandhom jiġu indirizzati b'mod regolari mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni. Il-KESE mhux wieħed mill-ħafna partijiet interessati fil-livell tal-UE, kif jissema fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni, iżda istituzzjoni ċentrali bbażata fuq it-Trattat fil-proċess ta' monitoraġġ.

4.6.2. L-iskemi ta' introjtu minimu għandhom jinkludu salvagwardji li jiżguraw in-nondiskriminazzjoni kontra benefiċjarji reali jew potenzjali, kif ukoll mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-gruppi vulnerabbli. L-Istati Membri kollha għandhom jistabbilixxu korpi interni biex jimmonitorjaw li l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali ta' dawk kollha involuti jiġu rispettati.

4.6.3. Biex isir progress huwa importanti li jsir żvilupp fuq il-bażi tal-informazzjoni eżistenti fil-livell tal-UE u li tittieħed l-azzjoni meħtieġa sabiex kull Stat Membru jkun f'pożizzjoni aħjar biex itejjeb il-mod kif joperaw l-iskemi nazzjonali tal-introjtu. Dan jinkludi l-hteġa li jiġu organizzati skambji dwar Prattiki nazzjonali, seminars u avvenimenti tematiċi. F'dan ir-rigward, u biex jiġi rivedut il-progress, il-KESE jilqa' l-attivitajiet istituzzjonali proposti bħat-tisħiħ tal-kooperazzjoni eżistenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat tal-Impjiegi u n-Network tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Madankollu, jeħtieġ li jinstabu modi biex jingħelbu l-ostakli u d-diffikultajiet ikkawżati mill-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data li jstgħu jfixklu bla bżonn il-kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet.

4.6.4. L-istadji tal-monitoraġġ tal-Istati Membri huma essenzjali speċjalment għal dawk li għandhom lura milli jilħqu l-miri. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' triq 'il quddiem ċara bl-użu tas-Semestru Ewropew u għodod oħra biex l-Istati Membri kollha jibqgħu jiġu segwiti fil-progress tagħhom.

Brussell, it-22 ta' Marzu 2023.

Christa SCHWENG  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew